TRIBUNAL GĦAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 160/14-F

**Nicholas Gatt**

**vs**

**Auto Marine Battery Services – Matthew Travers Tauss**

Illum 9 ta' Diċembru, 2014

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fl-10 ta' Lulju, 2014 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' mija u għaxar ewro (€110), rappreżentanti prezz ta' batterija ta' karozza li kellha tliet snin garanzija u qabel l-għeluq tal-garanzija kellha l-ħsara.

L-intimat ippreżenta risposta bil-miktub għal din it-talba, iżda m'attendiex għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa kien xtara battery Varta mingħand l-intimat li għandha tliet snin garanzija u kellha problema għax spiċċat bla ilma u allura qed jitlob il-flus lura.

L-intimat issottometta bil-miktub illi fiha tliet snin garanzija li jkopri difett fil-manifattura allura ma jkoprix difetti riżultanti minn parti oħrajn tal-vettura. L-istess intimat issottometta li l-batterija minn ġewwa kienet niexfa u dan seta' jiġri biss billi kien hemm problema bl-*alternator* billi kien qed jagħtiha ħafna *charge* u għalhekk mhux responsabbli ta' dan.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, jinnota li l-intimat debitament notifikat u msejjaħ tlett darbiet ma deherx għas-seduta u dan minkejja li kien notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba kif ukoll bid-data u l-ħin tas-smiegħ.

It-Tribunal, wara li sema' x-xhieda tar-rikorrenti, jinnota li l-intimat huwa ġustifikat li jgħid li l-problema ġejja mill-*alternator* u mhux mill-batterija.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jiċħad it-talba tar-rikorrenti, u bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn il-partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888